MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 156/2008

**Tony Grixti (ID 127378M)**

**vs**

**Lawrence Mifsud (ID 414071M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat 14 ta' Frar 2008 fejn gie premess:

1.Illi l-attur/rikorrenti jinnegozja fil-*wines and spirits;*

2. Illi f'Awwissu tas-sena 2006 u f'Settembru tas-sena 2006 l-attur/rikorrenti kien biegh u ikkonsenja merkanzija lill- konvenut/intimat kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok 'TG1' , Dok 'TG2' , u Dok 'TG3';

3. Illi l-konvenut/intimat ghad fadallu jhallas bilanc fl-ammont ta' sbatax–il elf tmien mija u seba' Ewro u sebgha

u tmenin centezmu tal-Ewro (€17,807.87) *ossia* sebat elef sitt mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm7,644.92);

4. Illi l-konvenut/intimat *nonostante* li gie diversi drabi interpellat mill-attur/rikorrenti anke permezz ta' ittra legali datata 19 ta' Ottubru 2007 (Dok 'TG4') u kif ukoll ittra ufficjali datata 5 ta' Novembru 2007 (Dok 'TG5') baqa' inadempjenti;

5.Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur/rikorrenti il-konvenut/intimat ma ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra l-pagament tal-istess;

6. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta)

Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti tablet li s-socjeta` intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza u tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq* tal- Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat/konvenut ihallas lill-attur/rikorrenti s-somma ta' sbatax–il elf tmien mija u seba' Ewro u sebgha u tmenin centezmu tal-Ewro (€17,807.87) *ossia* sebat elef sitt mija u erbgha u erbghin lira maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm7,644.92) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut/intimat, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data tal konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut/intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-intimat/konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma deher.

Rat li Dr.Michael Grech ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont rikjest ghadu dovut sallum u ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tal- attur/rikorrenti**, b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-intimat/konvenut ihallas lill-attur/rikorrenti s-somma ta' sbatax–il elf tmien mija u seba' Ewro u sebgha u tmenin centezmu tal-Ewro (€17,807.87) *ossia* sebat elef sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm7,644.92) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut/intimate, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------